**It-Tlieta 7 ta' Ġunju 2011**

## Il-parteċipazzjoni tal-Kroazja fil-ħidma taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga ***

P7_TA(2011)0249

**Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2011 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tal-Ftehim bejn ir-Repubblika tal-Kroazja u l-Unjoni Ewropea dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fil-ħidma taċ-Ċentru Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (11633/2010 – C7-0026/2011 – 2010/0011(NLE))**

(2012/C 380 E/26)

(Approvazzjoni)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill (11633/2010),

— wara li kkunsidra l-abbozz tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Kroazja dwar il-parteċipazzjoni tar-Repubblika tal-Kroazja fil-ħidma taċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (11633/2010),

— wara li kkunsidra t-talba għal kunsens imressqa mill-Kunsill skont l-Artikolu 168(5) u l-Artikolu 218(6), it-tieni subparagrafu, punt (a), tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (C7-0026/2011),

— wara li kkunsidra l-Artikoli 81 u 90(8) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A7-0186/2011),

1. Jagħti l-kunsens tiegħu għall-konklużjoni tal-ftehim;

2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni kif ukoll lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri u tar-Repubblika tal-Kroazja.

---

## Tassazzjoni fuq vetturi ta' tagħbija tqal ***II

P7_TA(2011)0252

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tas-7 ta' Ġunju 2011 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tad-direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 1999/62/KE dwar il-ħlas li jrid isir minn vetturi ta' merkanzija tqila għall-użu ta' ċerti infrastrutturi (15145/1/2010 – C7-0045/2011 – 2008/0147(COD))**

(2012/C 380 E/27)

(Proċedura leġislattiva ordinarja: it-tieni qari)

*Il-Parlament Ewropew,*

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (15145/1/2010 – C7-0045/2011),